# POËTA

Lil Rosarju Briffa
ta' l"-*Epithalamion*"

ĠIBULI R-RAND, ir-rand li jħaddar dejjem,
ħa nqiegħed żewġ rimjiet bl-ilma xebgħana
dwar ir-ras taż-żagħżugħ poëta tagħna.

Kif l-ilma ġieri minn ġol-blat ifawwar
ħafif u bnin, hekk ħelu jġelben l-għana
minn sider iż-żagħżugħ poëta tagħna:

Sebaħ jittajjar bħal għasfur qalbieni
u mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
—leħnu safi—ż-żagħżugħ poëta tagħna.

Imwiegħra l-għolja, naf, tal-Poëżija:
iżd'inti tiela', w-Alla dejjem magħna;
għaddi l-quddiem, żagħżugħ poëta tagħna.

Ħobb is-sewwa w-tibżâx: kelmtek sabiħa
ġejja mis-sema w-lejn Alla tarfagħna:
ilbes ir-rand, żagħżugħ poëta tagħna.

**Dun Karm.**

17-3-27.